**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2025/0363(COD)**

11.5.2026

# ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1238 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP)
(COM(2025)0840 – C10- 0307/2025 – 2025/0363(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Liesbet Sommen

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) tista' toffri opportunità biex jissaħħaħ it-tfaddil komplementari għall-irtirar fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li jiġi żgurat li tali strumenti jibqgħu ankrati sew fl-iskop soċjali tagħhom. Fil-kuntest tat-tixjiħ demografiku, tal-evoluzzjoni tas-swieq tax-xogħol, tal-fatt li n-nies jaħdmu fi Stati Membri differenti u tal-frammentazzjoni dejjem akbar tal-karrieri, is-soluzzjonijiet tal-pensjoni supplimentari jista' jkollhom rwol ta' appoġġ fit-titjib tal-adegwatezza tal-irtirar. Madankollu, dawn iridu jikkompletaw u mhux idgħajfu s-sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi u okkupazzjonali robusti, li jibqgħu l-pedament tal-protezzjoni soċjali fl-Istati Membri.

L-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU) tfittex li toħloq opportunitajiet aħjar għaċ-ċittadini tal-UE billi ttejjeb il-mod li bih it-tfaddil jiġi dirett lejn investimenti li jappoġġaw il-prijoritajiet strateġiċi u r-reżiljenza ekonomika tal-Ewropa, kif enfasizzat ukoll fir-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività tal-UE. Nappoġġa bis-sħiħ l-għan tal-SIU li trawwem it-tkabbir u l-innovazzjoni Ewropej, filwaqt li tiżgura li l-użu tat-tfaddil fit-tul għall-pensjoni jrid jibqa' ffukat fuq il-fatt li ċ-ċittadini jingħataw introjtu tal-irtirar adegwat, sigur u sostenibbli.

Mill-perspettiva tal-Kumitat EMPL, huwa essenzjali li l-iżvilupp tal-PEPPs jirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri fl-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet, inkluża t-tassazzjoni, u tal-liġi tax-xogħol. Fl-istess ħin, huwa kruċjali li nsaħħu l-involviment attiv tas-sħab soċjali fl-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet.

Wieħed mill-objettivi ċentrali ta' din l-Opinjoni huwa li jiġi żgurat li l-PEPPs iwasslu għal eżiti tal-irtirar adegwati, sikuri u trasparenti għall-faddala. Għandha ssaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur billi tintroduċi regoli aktar ċari dwar it-trasparenza tal-kostijiet, il-komparabbiltà u l-valur għall-flus, inkluż l-iżvelar simplifikat u komprensibbli tal-miżati. Huwa daqstant importanti li jiġi affermat mill-ġdid ir-rwol ċentrali tal-prinċipju tal-"persuna prudenti" fil-ġestjoni tat-tfaddil għall-pensjoni. Barra minn hekk, l-abbozz ta' rapport jenfasizza l-importanza li tiġi indirizzata d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet u li tittejjeb is-sensibilizzazzjoni finanzjarja fost iċ-ċittadini.

L-istabbiliment ta' Forum annwali tal-Unjoni Ewropea dwar il-Pensjonijiet huwa propost bħala pjattaforma strutturata li tlaqqa' flimkien l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, is-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti. Dan il-forum jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki u evidenza kemm dwar l-aspetti finanzjarji kif ukoll dwar dawk soċjali tas-sistemi tal-pensjonijiet, inklużi l-adegwatezza, il-kopertura ta' ħaddiema mhux standard, l-inugwaljanzi u l-interazzjoni bejn il-pensjonijiet pubbliċi, okkupazzjonali u personali. Il-fatt li jiġi żgurat l-involviment attiv tas-sħab soċjali, f'konformità mal-prattiki nazzjonali, se jkun essenzjali biex jitrawmu diskussjonijiet ibbilanċjati u infurmati u biex jiġi appoġġat it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza fil-livell tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, billi ssaħħaħ kemm id-dimensjoni soċjali kif ukoll dik ekonomika tal-pensjonijiet supplimentari, din l-Opinjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi għal xenarju tal-pensjonijiet Ewropej aktar inklużiv, reżiljenti u sostenibbli, konsistenti mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jippreżenta lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-Unjoni u l-proporzjon ta' dipendenza li qed jiżdied, it-tisħiħ tas-sorsi komplementari tal-introjtu tal-irtirar sar indispensabbli biex jiġu ppreservati s-solidarjetà interġenerazzjonali, il-koeżjoni soċjali u l-istabbiltà fit-tul tas-sistemi tal-pensjoni b'diversi saffi fl-Unjoni. | (1) Fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-Unjoni u l-proporzjon ta' dipendenza li qed jiżdied, it-tisħiħ tas-sorsi komplementari tal-introjtu tal-irtirar sar indispensabbli biex jiġu ppreservati s-solidarjetà interġenerazzjonali, il-koeżjoni soċjali u l-istabbiltà fit-tul tas-sistemi tal-pensjoni b'diversi saffi fl-Unjoni. ***Il-promozzjoni ta' prodotti tal-pensjoni personali jenħtieġ li tikkomplementa differenzi possibbli iżda mhux tissostitwixxi skemi tal-pensjoni pubbliċi u okkupazzjonali li jiffunzjonaw tajjeb.*** |

Or. en

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet tibqa' primarjament kompetenza tal-Istati Membri. Dan ir-regolament jenħtieġ li għaldaqstant jirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri fl-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet, inkluża t-tassazzjoni, u tal-liġi tax-xogħol.*** |

Or. en

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) Ħafna ċittadini fl-Unjoni, inklużi gruppi vulnerabbli bħall-ħaddiema interim, persuni li jaħdmu għal rashom, ħaddiema tal-pjattaformi u individwi b'karrieri frammentati, jibbenefikaw minn litteriżmu msaħħaħ dwar il-pensjonijiet u fehim aħjar tal-ħtieġa li jinbena tfaddil adegwat għall-irtirar u tal-funzjonament tal-prodotti tal-pensjoni personali. It-tisħiħ ta' dan il-fehim jista' jappoġġa parteċipazzjoni usa' fi skemi tal-pensjoni supplimentari u jikkontribwixxi għal eżiti tal-irtirar aktar adegwati.*** |

Or. en

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1c) Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri, il-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-iżvilupp ta' għodod ta' komunikazzjoni komuni, tista' tikkontribwixxi għat-titjib tas-sensibilizzazzjoni u tal-fehim tal-prodotti tal-pensjoni personali madwar l-Unjoni.*** |

Or. en

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1g (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1g) L-iżvilupp u d-distribuzzjoni tal-PEPPs jenħtieġ li ma jaffettwawx b'mod negattiv l-adegwatezza tal-introjtu tal-irtirar, f'konformità mal-Prinċipju 15 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.*** |

Or. en

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1i (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1i) Fejn xieraq, l-indikaturi derivati mit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jintużaw biex jiġi evalwat l-impatt tal-PEPPs.*** |

Or. en

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Filwaqt li l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet tibqa' kompetenza nazzjonali, l-adegwatezza u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-pensjonijiet huma ta' tħassib komuni għall-istabbiltà u għall-koeżjoni tal-Unjoni. ***L-iżgurar*** li ***ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal prodotti tal-pensjoni personali konċepiti tajjeb jikkontribwixxi*** | (2) Filwaqt li l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet tibqa' kompetenza nazzjonali, l-adegwatezza u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-pensjonijiet huma ta' tħassib komuni għall-istabbiltà u għall-koeżjoni tal-Unjoni. ***Arranġamenti komplementari tal-pensjoni okkupazzjonali u personali jistgħu jikkontribwixxu għall-introjtu tal-*** |

| | |
|---|---|
| ***kemm għas-sigurtà finanzjarja individwali kif ukoll għar-reżiljenza tal-ekonomija tal-Unjoni***. | ***irtirar, dment*** li ***jaderixxu ma' standards robusti ta' governanza, trasparenza u protezzjoni tal-konsumatur. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jissaħħu r-rwol, l-awtonomija u l-involviment tas-sħab soċjali, li jippermettulhom jiżviluppaw arranġamenti effettivi tal-pensjoni okkupazzjonali permezz ta' ftehimiet kollettivi***. |

Or. en

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Skont il-Prinċipju 2 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u r-Rapport tal-PE dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi u fil-pensjonijiet fl-UE: is-sitwazzjoni attwali, l-isfidi u t-triq 'il quddiem, u l-iżvilupp ta' linji gwida għal evalwazzjoni aħjar u remunerazzjoni aktar ekwa tax-xogħol fis-setturi ddominati min-nisa (2025/2038(INI)), dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż billi jindirizza d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet.*** |

Or. en

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-pensjonijiet personali huma rabta ewlenija bejn il-faddala fit-tul u l-opportunitajiet ta' investiment ta' terminu | (4) Il-pensjonijiet personali huma rabta ewlenija bejn il-faddala fit-tul u l-opportunitajiet ta' investiment ta' terminu |

| | |
|---|---|
| twil, li jgħin fl-approfondiment tas-swieq kapitali u jżid il-provvista ta' finanzjament stabbli għall-ekonomija reali. Il-fondi tal-pensjonijiet huma kategorija importanti tal-investituri istituzzjonali li jistgħu jgħinu fil-finanzjament ta' investimenti produttivi, filwaqt li jappoġġaw it-tkabbir, l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, li se joħolqu opportunitajiet aħjar ta' impjieg u produttività ogħla. | twil, li jgħin fl-approfondiment tas-swieq kapitali u jżid il-provvista ta' finanzjament stabbli għall-ekonomija reali. Il-fondi tal-pensjonijiet huma kategorija importanti tal-investituri istituzzjonali li jistgħu jgħinu fil-finanzjament ta' investimenti produttivi, filwaqt li jappoġġaw it-tkabbir, l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, li se joħolqu opportunitajiet aħjar ta' impjieg u produttività ogħla. ***Madankollu, kull tip ta' miżura maħsuba biex tagħti spinta lill-involviment tal-fondi tal-pensjonijiet fis-swieq kapitali jenħtieġ li tikkonforma mal-prinċipju tal-"persuna prudenti" u tiżgura li l-interessi tal-benefiċjarji jibqgħu l-kunsiderazzjoni primarja.*** |
| | Or. en |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU) imħabbra mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2015[3] għandha l-għan li tippermetti liċ-ċittadini jfaddlu u jinvestu għall-futur tagħhom, jidderieġu l-investimenti lejn il-prijoritajiet tal-Unjoni, japprofondixxu l-integrazzjoni u l-iskala fis-swieq kapitali tal-Unjoni, u jiżguraw superviżjoni effettiva fis-suq uniku kollu. Minn dawn l-erba' fergħat, l-għajnuna liċ-ċittadini biex ifaddlu u jinvestu għall-futur tirrappreżenta l-fulkru tal-ambizzjoni tal-SIU. Li ***tieħu ħsieb li ċ-ċittadini*** tal-Unjoni ***jkunu jistgħu jibnu introjtu adegwat għall-irtirar huwa wieħed mill-aktar modi konkreti*** li ***bihom l-Unjoni tista' tagħmel differenza fil-ħajja tan-nies***. Il-ħidma fuq il-pensjonijiet supplimentari, u b'mod partikolari fuq il-pensjonijiet personali, | (5) L-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU) imħabbra mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2015[3] għandha l-għan li tippermetti liċ-ċittadini jfaddlu u jinvestu għall-futur tagħhom, jidderieġu l-investimenti lejn il-prijoritajiet tal-Unjoni, japprofondixxu l-integrazzjoni u l-iskala fis-swieq kapitali tal-Unjoni, u jiżguraw superviżjoni effettiva fis-suq uniku kollu. Minn dawn l-erba' fergħat, l-għajnuna liċ-ċittadini biex ifaddlu u jinvestu għall-futur tirrappreżenta l-fulkru tal-ambizzjoni tal-SIU. ***Filwaqt*** li ***jappoġġa l-iżvilupp*** tal-Unjoni ***tas-Swieq Kapitali, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jimminax l-objettiv primarju*** li ***jiġi żgurat introjtu tal-irtirar adegwat, sikur u sostenibbli għaċ-ċittadini***. Il-ħidma fuq il-pensjonijiet supplimentari, u b'mod partikolari fuq il- |

tinkorpora dan l-approċċ iċċentrat fuq iċ-ċittadini. Il-Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew (PEPP, pan-European Personal Pension Product) huwa mfassal biex jagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni aċċess għal prodott sempliċi, trasparenti u portabbli li jistgħu jafdaw, li jgħinhom ifaddlu b'kunfidenza u jippjanaw għall-irtirar tagħhom kull fejn jgħixu jew jaħdmu fl-Unjoni. Billi tagħti ħajja ġdida lill-qafas tal-PEPP, l-Unjoni tfittex mhux biss li ssaħħaħ is-sigurtà finanzjarja taċ-ċittadini iżda wkoll li tidderieġi t-tfaddil fit-tul lejn investimenti produttivi li jappoġġaw it-tkabbir, ir-reżiljenza, u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali tal-Unjoni.

pensjonijiet personali, tinkorpora dan l-approċċ iċċentrat fuq iċ-ċittadini. Il-Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew (PEPP, pan-European Personal Pension Product) huwa mfassal biex jagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni aċċess għal prodott sempliċi, trasparenti u portabbli li jistgħu jafdaw, li jgħinhom ifaddlu b'kunfidenza u jippjanaw għall-irtirar tagħhom kull fejn jgħixu jew jaħdmu fl-Unjoni. Billi tagħti ħajja ġdida lill-qafas tal-PEPP, l-Unjoni tfittex mhux biss li ssaħħaħ is-sigurtà finanzjarja taċ-ċittadini iżda wkoll li tidderieġi t-tfaddil fit-tul lejn investimenti produttivi li jappoġġaw it-tkabbir, ir-reżiljenza, u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali tal-Unjoni.

[3] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Marzu 2025, COM(2025) 124 final.

[3] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Marzu 2025, COM(2025) 124 final.

Or. en

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) L-inċentivi tat-taxxa għandhom rwol importanti biex jinkoraġġixxu l-użu ta' prodotti tal-pensjoni personali ***f'għadd ta'*** Stati Membri. ***L-inċentivi fiskali għall-prodotti tal-pensjoni personali jista' jkollhom forma differenti. F'ħafna Stati Membri***, ***il-kontribuzzjonijiet li jitħallsu għall-prodotti tal-pensjoni personali jikkwalifikaw għal xi forma ta' ħelsien mit-taxxa. Bl-istess mod, f'ħafna Stati Membri, ir-riżultati tal-investiment tal-prodotti tal-pensjoni personali mhumiex*** | (9) L-inċentivi tat-taxxa għandhom rwol importanti biex jinkoraġġixxu l-użu ta' prodotti tal-pensjoni personali ***f'diversi*** Stati Membri. ***Madankollu***, ***it-tassazzjoni tibqa' l-kompetenza ewlenija tal-Istati*** Membri. ***Kwalunkwe miżura relatata mat-trattament*** tat-taxxa ***tal-PEPPs*** jenħtieġ li ***tirrispetta s-sovranità fiskali*** nazzjonali ***u tevita l-armonizzazzjoni diretta*** jew ***indiretta***. |

***suġġetti għat-taxxa, fuq il-bażi ta' eżenzjoni espliċita jew inkella fuq il-bażi ta' eżenzjoni de facto, jekk il-fornitur ikun suġġett għat-taxxa iżda jkun jista' jnaqqas mill-bażi tat-taxxa l-allokazzjonijiet għar-riżerva għall-pensjoni. Inċentivi tat-taxxa jistgħu jingħataw ukoll fil-fażi tad-dekumulazzjoni, bl-applikazzjoni ta' rata tat-taxxa favorevoli għall-ħlas tal-pensjoni personali. Il-prinċipju tat-trattament nazzjonali japplika għall-faddala tal-PEPP. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli għal PEPP, li jkun oġġettivament komparabbli ma' prodott tal-pensjoni personali kkummerċjalizzat fi Stat Membru partikolari, li jibbenefika mill-istess ħelsien mit-taxxa mogħti lill-prodott tal-pensjoni personali f'dak l-Istat Membru. Dak jenħtieġ li japplika wkoll meta l-PEPP jiġi pprovdut minn fornitur li jkun ġej minn Stat Membru ieħor. L-istess trattament mhux inqas favorevoli jenħtieġ li japplika wkoll għal miżuri li jaqgħu taħt il-liġi*** nazzjonali***, relatati ma' inċentivi oħra għall-prodotti tal-pensjoni personali*** jew ***miżuri li jkollhom skop jew effett ekwivalenti***.

Or. en

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Sabiex il-PEPPs jintużaw aktar, huwa essenzjali li PEPP jipprovdi valur għall-flus lill-faddala u għalhekk ikun attraenti u kompetittiv. ***Sabiex*** jiġi żgurat li l-forniturі potenzjali tal-PEPPs ifasslu prodotti f'konformità ma' dawk l-objettivi, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' PEPP ***jenħtieġ li turi l-kapaċità*** li ***jikkonformaw*** mar-rekwiżiti ta' sorveljanza u ta' governanza tal-prodott u | (10) Sabiex il-PEPPs jintużaw aktar, huwa essenzjali li PEPP jipprovdi valur għall-flus lill-faddala u għalhekk ikun attraenti u kompetittiv. ***Biex*** jiġi żgurat li l-forniturі potenzjali tal-PEPPs ifasslu prodotti f'konformità ma' dawk l-objettivi, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' PEPP***, bl-opzjonijiet kollha tiegħu, jenħtieġ*** li ***tikkonforma*** mar-rekwiżiti ta' sorveljanza u ta' governanza tal-prodott u |

| | |
|---|---|
| turi kif il-prodott huwa mfassal biex jipprovdi valur għall-flus lill-faddala tal-PEPP. | turi kif il-prodott huwa mfassal biex jipprovdi valur għall-flus lill-faddala tal-PEPP. |
| | Or. en |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) L-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2019/1238 ***jeżiġi*** li l-forniturі tal-PEPPs jiddistribwixxu l-PEPP Bażiku jekk ikunu jridu wkoll jiddistribwixxu varjanti alternattivi. Dak ir-rekwiżit jillimita l-abbiltà ta' xi forniturі u l-interess tagħhom fid-distribuzzjoni tal-PEPPs, peress li l-PEPP Bażiku jista' ma jkunx jaqbel mal-mudell jew mal-istrateġija ta' negozju tagħhom. Barra minn hekk, il-limitazzjoni attwali għal massimu ta' ħames ***għażliet*** alternattivi tillimita l-abbiltà tal-forniturі li jfasslu prodotti li jkunu jirriflettu l-preferenzi, iċ-ċirkostanzi u l-profili tar-riskju tal-faddala. Jekk il-forniturі jitħallew jiddeterminaw l-għadd u n-natura ***tal-għażliet*** ta' investiment, dawn ikunu jistgħu joffru soluzzjonijiet aktar imfassla apposta***, inklużi PEPPs personalizzati adattati għal arranġamenti ta' fuq il-post tax-xogħol jew għall-awtoreġistrazzjoni***. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi prevista flessibbiltà akbar għall-forniturі tal-PEPPs filwaqt li jiġi żgurat li t-trasparenza, il-komparabbiltà u l-protezzjoni tal-konsumatur jibqgħu ***salvagwardjati*** permezz ta' rekwiżiti xierqa ta' divulgazzjoni u ta' governanza tal-prodotti. | (18) L-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2019/1238 ***jirrikjedi*** li l-forniturі tal-PEPPs jiddistribwixxu l-PEPP Bażiku jekk ikunu jridu wkoll jiddistribwixxu varjanti alternattivi. Dak ir-rekwiżit jillimita l-abbiltà ta' xi forniturі u l-interess tagħhom fid-distribuzzjoni tal-PEPPs, peress li l-PEPP Bażiku jista' ma jkunx jaqbel mal-mudell jew mal-istrateġija ta' negozju tagħhom. Barra minn hekk, il-limitazzjoni attwali għal massimu ta' ħames ***opzjonijiet*** alternattivi tillimita l-abbiltà tal-forniturі li jfasslu prodotti li jkunu jirriflettu l-preferenzi, iċ-ċirkostanzi u l-profili tar-riskju tal-faddala. Jekk il-forniturі jitħallew jiddeterminaw l-għadd u n-natura ***tal-opzjonijiet*** ta' investiment, dawn ikunu jistgħu joffru soluzzjonijiet aktar imfassla apposta. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi prevista flessibbiltà akbar għall-forniturі tal-PEPPs filwaqt li jiġi żgurat li t-trasparenza, il-komparabbiltà u l-protezzjoni tal-konsumatur jibqgħu ***ssalvagwardjati*** permezz ta' rekwiżiti xierqa ta' divulgazzjoni u ta' governanza tal-prodotti. |
| | Or. en |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-Artikolu 45(2) tar-Regolament (UE) 2019/1238 jirrikjedi li l-PEPP Bażiku jkun soġġett għal limitu massimu ta' 1 % fuq il-kostijiet u t-tariffi, filwaqt li l-Artikolu 34(2) ta' dak ir-Regolament jobbliga lil fornitur tal-PEPP jew lil distributur tal-PEPP jipprovdi pariri qabel il-konklużjoni ta' kuntratt tal-PEPP Bażiku. ***Dawk ir-rekwiżiti qajmu tħassib fost il-fornituri u d-distributuri potenzjali, peress li dawk ir-rekwiżiti jitqiesu li jillimitaw il-vijabbiltà kummerċjali tal-offerta ta' PEPPs, inkluż permezz ta' mezzi diġitali. Barra minn hekk, il-limitu fiss ta' 1 % fuq il-miżati mhuwiex neċessarjament l-aktar mod effettiv biex jiġu protetti l-faddala u l-benefiċjarji, u ma jirriflettix relazzjoni proporzjonali bejn il-benefiċċji u l-offerti ta' redditu lill-faddala, l-ispejjeż imġarrba mill-fornituri, u l-miżati imposti. Il-fornituri spiss iġarrbu telf fl-ewwel snin ta' kuntratt, meta l-kostijiet tal-akkwiżizzjoni u tal-istabbiliment ikunu għoljin, filwaqt li l-faddala jistgħu jkunu żvantaġġati minn limitu massimu fuq il-miżati fis-snin ta' wara hekk kif il-kapital akkumulat tagħhom jiżdied u l-kostijiet assoluti imposti jiżdiedu, minkejja li jkun meħtieġ inqas sforz ta' ġestjoni. Il-limitu massimu ta' 1 % tal-miżati jista' jwassal ukoll għal kundizzjonijiet mhux ekwi minħabba differenzi fit-trattament tal-VAT fost l-Istati Membri. Għalhekk, biex jiġi promoss l-użu tal-PEPP, u** jiġi żgurat ***prodott sostenibbli u*** ta' ***kwalità għolja, huwa meħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jitneħħew***. Sabiex titħares il-protezzjoni tal-konsumatur u jiġi żgurat li l-PEPP Bażiku jibqa' prodott sempliċi adattat għal skopijiet ta' rtirar, jenħtieġ li jitfassal bi strateġija inkorporata ta' investiment tul iċ-ċiklu tal-ħajja, li tipprovdi bilanċ xieraq bejn it-tkabbir u l-mitigazzjoni tar-riskju. Għall-istess raġuni, l-assi tal-PEPP Bażiku jenħtieġ li jiġu investiti b'mod predominanti f'assi kkwotati u mhux kumplessi skont it-tifsira tal-Artikolu 25(4), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7]. Sabiex tiġi promossa d-diversifikazzjoni filwaqt li tinżamm is-sempliċità, jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP Bażiku jitħallew jallokaw porzjon żgħir ta' assi, li ma jaqbiżx il-5 %, għal strumenti finanzjarji oħra, inklużi assi alternattivi. | (19) L-Artikolu 45(2) tar-Regolament (UE) 2019/1238 jirrikjedi li l-PEPP Bażiku jkun soġġett għal limitu massimu ta' 1 % fuq il-kostijiet u t-tariffi, filwaqt li l-Artikolu 34(2) ta' dak ir-Regolament jobbliga lil fornitur tal-PEPP jew lil distributur tal-PEPP jipprovdi pariri qabel il-konklużjoni ta' kuntratt tal-PEPP Bażiku. ***Sabiex jiġi promoss l-użu tal-PEPP,*** u ***jiġi żgurat prodott sostenibbli u*** ta' ***kwalità għolja***, ***huwa meħtieġ li l-kostijiet totali*** ta' ***PEPP Bażiku ma jaqbżux il-1 % tal-kapital akkumulat fis-sena***. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati***, ***wara konsultazzjoni mal-EIOPA***, ***biex tistabbilixxi livell*** massimu ***tal-kost aktar baxx fejn dan ikun iġġustifikat mill-iżviluppi tas-suq*** u ***l-ħtieġa*** li jiġi żgurat ***livell għoli*** ta' ***protezzjoni tal-konsumatur***. Sabiex titħares il-protezzjoni tal-konsumatur u jiġi żgurat li l-PEPP Bażiku jibqa' prodott sempliċi adattat għal skopijiet ta' rtirar, jenħtieġ li jitfassal bi strateġija inkorporata ta' investiment tul iċ-ċiklu tal-ħajja, li tipprovdi bilanċ xieraq bejn it-tkabbir u l-mitigazzjoni tar-riskju. Għall-istess raġuni, l-assi tal-PEPP Bażiku jenħtieġ li jiġu investiti b'mod predominanti f'assi kkwotati u mhux kumplessi skont it-tifsira tal-Artikolu 25(4), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7]. Sabiex tiġi promossa d-diversifikazzjoni filwaqt li tinżamm is-sempliċità, jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP Bażiku jitħallew jallokaw porzjon żgħir ta' assi, li ma jaqbiżx il-5 %, għal strumenti finanzjarji oħra, inklużi assi alternattivi. |

ċiklu tal-ħajja, li tipprovdi bilanċ xieraq bejn it-tkabbir u l-mitigazzjoni tar-riskju. Għall-istess raġuni, l-assi tal-PEPP Bażiku jenħtieġ li jiġu investiti b'mod predominanti f'assi kkwotati u mhux kumplessi skont it-tifsira tal-Artikolu 25(4), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7]. Sabiex tiġi promossa d-diversifikazzjoni filwaqt li tinżamm is-sempliċità, jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP Bażiku jitħallew jallokaw porzjon żgħir ta' assi, li ma jaqbiżx il-5 %, għal strumenti finanzjarji oħra, inklużi assi alternattivi.

[7]Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (riformulazzjoni) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj)

[7]Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (riformulazzjoni) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj)

Or. en

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-pariri u jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-faddala prospettivi tal-PEPP, kwalunkwe parir ipprovdut fir-rigward tal-PEPP Bażiku jenħtieġ li jingħata fuq bażi indipendenti u wara li jintalab mill-klijent biss. Meta jitqiesu kemm in-natura mhux kumplessa tal-PEPP Bażiku kif ukoll il-karattru indipendenti tal-parir, huwa xieraq li jiġi previst li, meta jingħata tali parir, id-distributur tal-PEPP ma jkunx obbligat li jikseb informazzjoni dwar l-għarfien u l-esperjenza tal-faddal prospettiv tal-PEPP. | (20) Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-pariri u jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-faddala prospettivi tal-PEPP, kwalunkwe parir ipprovdut fir-rigward tal-PEPP Bażiku jenħtieġ li jingħata fuq bażi indipendenti u wara li jintalab mill-klijent biss. Meta jitqiesu kemm in-natura mhux kumplessa tal-PEPP Bażiku kif ukoll il-karattru indipendenti tal-parir, huwa xieraq li jiġi previst li, meta jingħata tali parir, id-distributur tal-PEPP ma jkunx obbligat li jikseb informazzjoni dwar l-għarfien u l-esperjenza tal-faddal prospettiv tal-PEPP. |

| | |
|---|---|
| Dak l-approċċ jiżgura li l-parir jibqa' oġġettiv, proporzjonat u effiċjenti għad-distributuri, filwaqt li jinżamm standard għoli ta' protezzjoni tal-investituri u jippromwovi l-aċċessibbiltà tal-PEPP Bażiku fl-Unjoni permezz ta' varjetà ta' kanali ta' distribuzzjoni. Għall-PEPPs imfassla apposta u aktar sofistikati, il-parir jibqa' essenzjali biex tiġi pprovduta l-aktar offerta xierqa u mfassla apposta lill-faddala prospettivi, filwaqt li jitqiesu l-għarfien, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-predispożizzjoni għar-riskju tagħhom. | Dak l-approċċ jiżgura li l-parir jibqa' oġġettiv, proporzjonat u effiċjenti għad-distributuri, filwaqt li jinżamm standard għoli ta' protezzjoni tal-investituri u jippromwovi l-aċċessibbiltà tal-PEPP Bażiku fl-Unjoni permezz ta' varjetà ta' kanali ta' distribuzzjoni. Għall-PEPPs imfassla apposta u aktar sofistikati, il-parir jibqa' essenzjali biex tiġi pprovduta l-aktar offerta xierqa u mfassla apposta lill-faddala prospettivi, filwaqt li jitqiesu l-għarfien, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-predispożizzjoni għar-riskju tagħhom. ***Sabiex jiġu żgurati trasparenza effettiva u teħid ta' deċiżjonijiet infurmat mill-faddala tal-PEPP, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-kostijiet tiġi ppreżentata b'mod ċar, sempliċi u li jinftiehem. L-użu ta' diversi kunċetti ta' kostijiet, indikaturi u formati ta' preżentazzjoni jista' jnaqqas aktar milli jtejjeb it-trasparenza u jfixkel il-komparabbiltà bejn il-prodotti. Għalhekk huwa xieraq li tiġi ssimplifikata l-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-kostijiet sabiex il-faddala jkunu jistgħu jifhmu faċilment, mad-daqqa t'għajn, l-impatt ġenerali tal-kostijiet fuq l-investiment tagħhom u jqabblu fornituri differenti. Informazzjoni aktar dettaljata u teknika tista', fejn xieraq, tiġi pprovduta permezz ta' divulgazzjonijiet f'saffi, filwaqt li jiġi żgurat li l-informazzjoni essenzjali tibqa' aċċessibbli filwaqt li jkunu disponibbli dettalji addizzjonali għal dawk li jitolbuhom.*** |
| | Or. en |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Il-kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi, inkluż permezz ta' | (22) Il-kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi, inkluż permezz ta' |

arranġamenti ta’ awtoreġistrazzjoni, urew li huma effettivi biex jingħelbu l-ostakli komportamentali għat-tfaddil, inkluż inerzja jew nuqqas ta’ litteriżmu finanzjarju, filwaqt li jsaħħu l-fiduċja, l-involviment u l-parteċipazzjoni f’pensjonijiet supplimentari. Ir-rikonoxximent espliċitu li l-impjegaturi għandhom jitħallew jagħmlu kontribuzzjonijiet volontarji għal PEPP jista’ jtejjeb b’mod sinifikanti l-viżibbiltà, ir-rilevanza u l-użu tal-PEPPs, b’mod partikolari fost il-gruppi li mhumiex moqdija biżżejjed, inklużi l-ħaddiema b’introjtu baxx u part-time u l-ħaddiema żgħażagħ fil-bidu tal-karriera tagħhom. ***Bl-istess mod, il-fatt li l-impjegaturi jitħallew jagħżlu l-PEPP fil-kuntest ta’ arranġament ta’ fuq il-post tax-xogħol bl-użu tal-awtoreġistrazzjoni jista’ jkompli jsaħħaħ l-użu tal-PEPP u joffri lill-impjegati, speċjalment fl-Istati Membri b’sistemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali inqas żviluppati, il-possibbiltà li jinvestu t-tfaddil tagħhom għall-irtirar fi prodotti regolati sew u kosteffettivi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jipprevjenux lill-impjegaturi milli jikkontribwixxu għall-PEPPs, u jenħtieġ li jiżguraw li tali kontribuzzjonijiet ikunu sostnuti minn regoli ċari dwar l-għoti ta’ informazzjoni lill-impjegati. Mingħajr preġudizzju għan-natura personali tal-PEPP, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippermettu wkoll li l-PEPPs jiġu pprovduti bħala parti minn arranġament ta’ fuq il-post tax-xogħol bl-użu tal-awtoreġistrazzjoni, fejn dan ikun konformi mal-liġijiet soċjali u tax-xogħol nazzjonali, kompatibbli mal-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet u mal-ftehimiet kollettivi, u ma jinterferixxix mal-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali eżistenti. Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tal-PEPP f’kuntest ta’ post tax-xogħol, huma meħtieġa diversi emendi għar-Regolament (UE) 2019/1238 biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda ostaklu bla bżonn li jfixkel il-***

arranġamenti ta’ awtoreġistrazzjoni, urew li huma effettivi biex jingħelbu l-ostakli komportamentali għat-tfaddil, inkluż inerzja jew nuqqas ta’ litteriżmu finanzjarju, filwaqt li jsaħħu l-fiduċja, l-involviment u l-parteċipazzjoni f’pensjonijiet supplimentari. Ir-rikonoxximent espliċitu li l-impjegaturi għandhom jitħallew jagħmlu kontribuzzjonijiet volontarji għal PEPP jista’ jtejjeb b’mod sinifikanti l-viżibbiltà, ir-rilevanza u l-użu tal-PEPPs, b’mod partikolari fost il-gruppi li mhumiex moqdija biżżejjed, inklużi l-ħaddiema b’introjtu baxx u part-time u l-ħaddiema żgħażagħ fil-bidu tal-karriera tagħhom.

***kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi, u biex il-qafas rilevanti jiġi adattat għall-ispeċifiċitajiet tal-arranġamenti tal-post tax-xogħol.***

Or. en

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) It-tfaddil akkumulat fi prodotti tal-pensjoni personali huwa min-natura tiegħu ta' terminu twil. Madankollu, biex jiġi ffaċilitat l-użu tal-PEPPs, huwa importanti li l-Istati Membri ma jfixklux it-trasferiment ta' tfaddil ***tal-irtirar*** ieħor għall-PEPPs. Biex tali trasferimenti jsiru attraenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-PEPPs ma jkunux soġġetti għal ostakli finanzjarji jew amministrattivi diskriminatorji jew sproporzjonati li jagħmlu trasferiment lejn PEPP aktar għali minn trasferimenti bejn prodotti tal-pensjoni personali oħra. ***Għall-istess raġuni, il-PEPPs jenħtieġ li jibbenefikaw ukoll mill-istess trattament tat-taxxa bħal prodotti tal-pensjoni personali nazzjonali komparabbli.*** | (23) It-tfaddil akkumulat fi prodotti tal-pensjoni personali huwa min-natura tiegħu ta' terminu twil. Madankollu, biex jiġi ffaċilitat l-użu tal-PEPPs, huwa importanti li l-Istati Membri ma jfixklux it-trasferiment ta' tfaddil ***għall-irtirar*** ieħor għall-PEPPs. Biex tali trasferimenti jsiru attraenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-PEPPs ma jkunux soġġetti għal ostakli finanzjarji jew amministrattivi diskriminatorji jew sproporzjonati li jagħmlu trasferiment lejn PEPP aktar għali minn trasferimenti bejn prodotti tal-pensjoni personali oħra. |

Or. en

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1238 jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni għall-faddala | (27) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1238 jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni għall-faddala |

| | |
|---|---|
| tal-PEPPs u għall-benefiċjarji tal-PEPPs. Dan ir-Regolament ***ineħħi l-limitu massimu tal-miżati għall-PEPP. Għaldaqstant***, ***jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet nazzjonali ma jintroduċux mill-ġdid tali limiti massimi jew limitazzjonijiet simili*** li ***jkunu japplikaw għall-PEPPs, u*** li ***jaffettwaw l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament***. | tal-PEPPs u għall-benefiċjarji tal-PEPPs. Dan ir-Regolament ***jintroduċi approċċ ibbażat fuq parametri referenzjarji għall-kostijiet***, ***flimkien ma' trasparenza sħiħa u monitoraġġ superviżorju. Huwa jenħtieġ li jipprovdi flessibbiltà filwaqt*** li ***jiżgura*** li ***t-tariffi jibqgħu proporzjonati u kompetittivi***. |
| | Or. en |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti, il-fornituri tal-PEPPs u d-distributuri tal-PEPPs jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li ***tingħata sena*** għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biex jiġu żgurati implimentazzjoni u konformità effettivi. | (31) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti, il-fornituri tal-PEPPs u d-distributuri tal-PEPPs jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li ***jingħataw sentejn*** għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biex jiġu żgurati implimentazzjoni u konformità effettivi. |
| | Or. en |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(31a) Il-promozzjoni ta' prodotti tal-pensjoni personali jenħtieġ li ma twassalx għal dgħufija tas-sistemi tal-pensjonijiet statutorji jew tal-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali, li t-tnejn li huma jibqgħu l-pedamenti tal-provvista tal-irtirar fl-Istati Membri.*** |

Or. en

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(31b) Sabiex jiġi promoss l-iskambju tal-aħjar prattiki u jitrawwem fehim komprensiv tax-xejriet li qed jevolvu fil-provvista tal-irtirar madwar l-Unjoni, huwa xieraq li tiġi stabbilita pjattaforma regolari għad-djalogu li tinvolvi lill-Istati Membri, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, lis-sħab soċjali u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti. Forum bħal dan għandu jibni fuq inizjattivi eżistenti u jikkontribwixxi għal tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza billi jqis kemm l-aspetti finanzjarji kif ukoll dawk soċjali tas-sistemi tal-pensjonijiet. B'mod partikolari, id-diskussjonijiet għandhom jindirizzaw l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-introjtu tal-irtirar, il-kopertura ta' kategoriji differenti ta' ħaddiema, inklużi dawk f'forom mhux standard ta' impjieg, u r-rwol tal-pensjonijiet okkupazzjonali u personali biex jikkomplementaw l-iskemi pubbliċi. L-involviment attiv tas-sħab soċjali huwa essenzjali f'dan il-kuntest, f'konformità mal-prattiki nazzjonali. Dan l-iskambju jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' qafas tal-pensjonijiet aktar inklużiv, ibbilanċjat u effettiv fl-Unjoni, konsistenti mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.*** |

Or. en

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***31(c) Sistema ta' traċċar tal-pensjonijiet fl-UE kollha jenħtieġ li tkopri l-intitolamenti tal-irtirar akkumulati kollha, inkluż il-PEPP. Jenħtieġ li tippermetti komparabbiltà sempliċi tal-intitolamenti kollha tal-pensjonijiet, b'distinzjoni ċara bejn komponenti garantiti u dawk mhux garantiti, u ħarsa ġenerali lejn l-ispejjeż amministrattivi kollha fi skemi u forniturі differenti tal-pensjonijiet.*** |

Or. en

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 2(1)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) 'strateġija ta' investiment tul iċ-ċiklu tal-ħajja' tfisser strateġija ta' investiment li taġġusta l-livell ta' riskju marbut mal-investimenti skont perkors ta' tnaqqis predeterminat immirat lejn il-mitigazzjoni tar-riskju tal-investiment u li tipprovdi grad raġonevoli ta' apprezzament fit-tul, filwaqt li tqis l-età jew id-data tal-irtirar tal-individwu, u fejn rilevanti, il-profil tal-ħlas tal-prodott, biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' telf kbir."; | (35) 'strateġija ta' investiment tul iċ-ċiklu tal-ħajja' tfisser strateġija ta' investiment li taġġusta l-livell ta' riskju marbut mal-investimenti skont perkors ta' tnaqqis predeterminat immirat lejn il-mitigazzjoni tar-riskju tal-investiment u li tipprovdi grad raġonevoli ta' apprezzament fit-tul, filwaqt li tqis ***b'mod speċjali*** l-età jew id-data tal-irtirar tal-individwu***, il-predispożizzjoni għar-riskju tiegħu***, u fejn rilevanti, il-profil tal-ħlas tal-prodott, biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' telf kbir."; |

Or. en

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**

Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 3 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-PEPPs jirċievu trattament fiskali li ma jkunx inqas favorevoli minn dak mogħti lil prodotti tal-pensjoni personali oħrajn. Meta Stat Membru japplika tipi jew livelli differenti ta' ħelsien mit-taxxa fir-rigward ta' tali prodotti tal-pensjoni personali oħrajn, il-PEPP għandu jkun eliġibbli għall-aktar trattament favorevoli disponibbli skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru.";*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (fa) "(fa) dokumentazzjoni li turi l-konformità mar-rekwiżiti ta' sorveljanza tal-prodott u ta' governanza msemmija fl-Artikolu 25, ***inkluża informazzjoni dwar kif il-PEPP huwa mfassal biex*** jipprovdi valur għall-flus lill-faddala tal-PEPP;"; | (fa) "(fa) dokumentazzjoni li turi l-konformità mar-rekwiżiti ta' sorveljanza tal-prodott u ta' governanza msemmija fl-Artikolu 25, ***inkluż il-fatt li l-PEPP, bl-opzjonijiet kollha tiegħu,*** jipprovdi valur għall-flus lill-faddala tal-PEPP;"; |

Or. en

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 6 – paragrafu 2 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Ir-rekwiżiti imposti fuq il-fornituri tal-PEPP rigward id-disinn tal-prodott, l-opzjonijiet prestabbiliti u l-istrateġiji ta' investiment għandhom ikunu proporzjonati u ma għandhomx jirrestrinġu bla bżonn id-diversità tal-prodotti tal-pensjoni jew tal-mudelli tan-negozju nazzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 23 – paragrafu 3 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 47(3) ***u (4)***, l-impjegaturi ma għandhomx jitqiesu li qed jaġixxu bħala distributuri tal-PEPP.”; | 3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 47(3), l-impjegaturi ma għandhomx jitqiesu li qed jaġixxu bħala distributuri tal-PEPP.”; |

Or. en

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 25

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 72 biex tispeċifika aktar il-prinċipji stabbiliti f'dan l-Artikolu, b'mod partikolari:*** | ***imħassar*** |

***(a) l-aġġustamenti għall-metodoloġija applikabbli għall-punti ta' riferiment tal-valur għall-flus għal prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni skont l-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2016/97, li huma meħtieġa għall-iżvilupp tal-punti ta' riferiment ta' superviżjoni rilevanti msemmija fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, ta' dan l-Artikolu. L-aġġustamenti għandhom jirriflettu n-natura aktar fit-tul tal-PEPP b'possibbiltà ta' tifdija limitata, u għandhom jiżguraw li l-PEPPs jitqabblu ma' gruppi ta' prodotti tal-pensjoni personali komparabbli manifatturati u distribwiti fi Stat Membru wieħed jew aktar.***

***(b) il-kriterji biex jiġi ddeterminat jekk il-kostijiet u l-imposti ta' PEPP ikunux ġustifikati u proporzjonati skont it-tifsira tal-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu.***

Or. en

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 25

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dawk l-atti delegati għandhom iqisu b'mod proporzjonat l-attivitajiet imwettqa, in-natura tal-PEPPs mibjugħa u n-natura tad-distributur.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 25 paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Il-parametri referenzjarji dwar il-valur għall-flus żviluppati mill-EIOPA għandhom jikkostitwixxu standards minimi tal-Unjoni. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżommu jew jintroduċu miżuri nazzjonali aktar stretti dwar il-kostijiet, il-garanziji jew il-protezzjoni tal-konsumatur, dment li tali miżuri ma jkunux diskriminatorji.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tipprevjeni l-arbitraġġ regolatorju u ġirja lejn l-aktar livell baxx skont l-Artikolu 114 tat-TFUE.*

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9b (ġdid)**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 25 paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9b) Il-kostijiet u l-imposti li jaqbżu dawk applikabbli għall-PEPP Bażiku jistgħu jiġu permessi biss għall-PEPPs li jirrikjedu parir indipendenti u personalizzat obbligatorju, dment li l-fornitur tal-PEPP ikun jista' juri li tali kostijiet huma proporzjonati għall-valur addizzjonali mogħti lill-faddal tal-PEPP.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha l-għan li tiżgura differenzjazzjoni ġusta bejn prodotti prestabbiliti sempliċi u PEPPs aktar kumplessi li jirrikjedu pariri, mingħajr ma l-faddala li ma jingħatawx pariri jitgħabbew bi spejjeż eċċessivi.*

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a – punt ii**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 28 paragrafu 3 punt cii (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(xv) "(xv) meta l-PEPP jiġi pprovdut lil impjegat bħala parti minn arranġament ta' fuq il-post tax-xogħol bl-awtoreġistrazzjoni, l-informazzjoni li ġejja:*** | ***imħassar*** |
| ***— id-drittijiet ta' esklużjoni volontarja miftiehma fil-mument tar-reġistrazzjoni;*** | |
| ***— ir-regoli applikabbli dwar il-vestiment;*** | |
| ***— fejn applikabbli, il-perkorsi prestabbiliti ta' dekumulazzjoni jew l-opzjonijiet differenti l-oħra ta' dekumulazzjoni;*** | |

Or. en

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 28 – paragrafu 3 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| taħt taqsima bit-titolu "X'inhuma l-kostijiet?", il-kostijiet assoċjati ma' investiment fil-PEPP, li jinkludu kemm il-kostijiet diretti kif ukoll dawk indiretti li għandhom jitħallsu mill-faddal tal-PEPP, inklużi l-kostijiet ta' darba u dawk rikorrenti, ippreżentati permezz ta' indikaturi sommarji ta' dawn il-kostijiet u, sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà, il- | taħt taqsima bit-titolu "X'inhuma l-kostijiet?", il-kostijiet assoċjati ma' investiment fil-PEPP, li jinkludu kemm il-kostijiet diretti kif ukoll dawk indiretti li għandhom jitħallsu mill-faddal tal-PEPP, inklużi l-kostijiet ta' darba u dawk rikorrenti, ippreżentati permezz ta' indikaturi sommarji ta' dawn il-kostijiet u, sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà, il- |

| | |
|---|---|
| kostijiet aggregati totali espressi f'termini monetarji u perċentwali sabiex jintwerew l-effetti komposti tal-kostijiet totali fuq l-investiment matul it-12-il xahar preċedenti u stima tal-impatt tal-kostijiet fuq il-kapital finali akkumulat. Fejn applikabbli, il-kostijiet miżmumin għall-garanzija kapitali għandhom jiġu ddivulgati b'mod espliċitu u separat.”; | kostijiet aggregati totali espressi f'termini monetarji u perċentwali sabiex jintwerew l-effetti komposti tal-kostijiet totali fuq l-investiment matul it-12-il xahar preċedenti u stima tal-impatt tal-kostijiet fuq il-kapital finali akkumulat. Fejn applikabbli, il-kostijiet miżmumin għall-garanzija kapitali għandhom jiġu ddivulgati b'mod espliċitu u separat.”; |
| | ***L-informazzjoni dwar il-kostijiet għandha tiġi ppreżentata b'mod ċar, sempliċi u komprensibbli, filwaqt li jiġu evitati l-kumplessità bla bżonn u l-kategoriji tal-kostijiet li jikkoinċidu, u għandha tippermetti lill-faddala tal-PEPP jifhmu faċilment, mad-daqqa t'għajn, l-impatt ġenerali tal-kostijiet u jqabblu fornituri differenti; informazzjoni aktar dettaljata u teknika tista', fejn xieraq, tiġi pprovduta permezz ta' divulgazzjonijiet f'saffi.*** |
| | Or. en |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 28 – paragrafu 3 – punt f (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-fornituri tal-PEPP għandhom jiddivulgaw b'mod ċar il-kostijiet u l-imposti kollha, inkluż l-impatt tagħhom fuq ir-redditi fit-tul, f'format standardizzat u li jinftiehem li jippermetti l-komparabbiltà bejn il-prodotti.*** |
| | Or. en |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**

Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 33 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2a. Meta l-PEPP jiġi pprovdut lil impjegat bħala parti minn arranġament ta' fuq il-post tax-xogħol bl-awtoreġistrazzjoni, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta lill-impjegat minnufih wara r-reġistrazzjoni fl-arranġament ikkonċernat.";*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt d – it-tieni sentenza

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "Jekk il-projezzjonijiet tal-benefiċċju tal-pensjoni jkunu bbażati fuq xenarji ekonomiċi, dik l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll xenarju bbażat fuq l-aħjar stima, xenarju favorevoli u xenarju mhux favorevoli, filwaqt li titqies in-natura speċifika tal-kuntratt tal-PEPP;"; | "Jekk il-projezzjonijiet tal-benefiċċju tal-pensjoni jkunu bbażati fuq xenarji ekonomiċi, dik l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll xenarju bbażat fuq l-aħjar stima, xenarju favorevoli u xenarju mhux favorevoli, filwaqt li titqies in-natura speċifika tal-kuntratt tal-PEPP;"; ***L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata b'mod ċar, sempliċi u li jinftiehem, filwaqt li tiġi evitata kumplessità bla bżonn.*** |

Or. en

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 45 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) 4. Il-PEPP Bażiku għandu jinkludi mill-inqas wieħed mill-mekkaniżmi ta' protezzjoni li ġejjin: (a) protezzjoni tal-kapital fi tmiem il-fażi ta' akkumulazzjoni; jew (b) garanzija minima ta' redditu reali; jew (c) redditu marbut ma' parametru referenzjarju prudenti u definit b'mod oġġettiv, bħal żieda reali fil-pagi jew fl-introjtu.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Prodott tal-pensjoni prestabbilit mingħajr ebda eżitu garantit huwa inkompatibbli mal-iskop soċjali tat-tfaddil għall-irtirar.*

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 45a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 45a*** |
| | ***PEPPs għall-ħaddiema b'karrieri mhux kontinwi*** |
| | ***Għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, l-istudenti, il-ħaddiema tal-pjattaformi u persuni oħra b'karrieri mhux kontinwi, il-fornituri tal-PEPP għandhom jiżguraw: (a) struttura awtomatika bi prezz baxx; (b) żero tariffi għar-reġistrazzjoni, għall-ħruġ jew għat-trasferiment; (c) garanzija tad-drittijiet dovuti matul interruzzjonijiet qosra; (d) allokazzjoni prestabbilita ta' investiment difensiv ħafna. Fl-Istati Membri fejn jeżistu skemi tal-pensjoni ġestiti b'mod kollettiv għal tali gruppi, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-PEPPs ma*** |

***għandhomx jiġu offruti bħala sostitut.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-PEPP għandu jservi bħala xibka ta' sikurezza tat-tielet pilastru, mhux bħala sostitut għal skemi bbażati fuq is-solidarjetà.*

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 45 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3. Il-kostijiet u l-imposti annwali totali ta' PEPP Bażiku, inklużi l-kostijiet diretti u indiretti kollha, ma għandhomx jaqbżu l-1 % tal-kapital akkumulat kull sena. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, wara konsultazzjoni mal-EIOPA, biex tistabbilixxi livell massimu tal-kost aktar baxx fejn dan ikun iġġustifikat mill-iżviluppi tas-suq u l-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-PEPP Bażiku huwa distribwit bħala prodott prestabbilit mingħajr parir obbligatorju, it-trażżin tal-kostijiet ex ante huwa essenzjali, b'mod partikolari għal kontributuri b'introjtu baxx u irregolari.*

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 45 – paragrafu 5 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) 5. Fl-Istati Membri fejn il-prodotti tal-pensjoni personali nazzjonali jkunu soġġetti għal protezzjoni minima obbligatorja jew garanziji ta' ritorn, il-PEPPs distribwiti f'dawk l-Istati Membri ma għandhomx jipprovdu livell aktar baxx ta' protezzjoni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan jevita ċ-ċirkomvenzjoni tas-salvagwardji nazzjonali tal-pensjonijiet permezz tad-distribuzzjoni tal-PEPP.*

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 47 – paragrafu 3 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Mingħajr preġudizzju għal-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet u l-awtonomija tas-sħab soċjali, inkluża s-sħubija obbligatorja u l-eżiti tal-ftehimiet ta' negozjar kollettiv, u sakemm ma tinterferixxix mal-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali eżistenti, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-PEPP jingħata lil impjegat bħala parti minn arranġament ta' fuq il-post tax-xogħol bl-awtoreġistrazzjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 47 – paragrafu 4 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Jekk il-PEPP jingħata lil impjegat bħala parti minn arranġament ta' fuq il-post tax-xogħol bl-awtoreġistrazzjoni, il-faddal tal-PEPP għandu jkollu d-dritt li joħroġ u li jerġa' jissieħeb f'konformità mal-qafas nazzjonali li jirregola l-awtoreġistrazzjoni, inkluża l-liġi soċjali u tax-xogħol rilevanti dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet, is-sħubija obbligatorja u l-eżiti tal-ftehimiet ta' negozjar kollettiv.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 51a – paragrafu 1 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jeżistu sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet, dawn ikopru l-intitolamenti tal-irtirar akkumulati tal-PEPP. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jeżistu sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet, dawn ikopru l-intitolamenti tal-irtirar akkumulati tal-PEPP. ***Għandhom jippermettu komparabbiltà sempliċi tal-intitolamenti kollha tal-pensjonijiet, b'distinzjoni ċara bejn komponenti garantiti u dawk mhux garantiti, u ħarsa ġenerali lejn l-ispejjeż amministrattivi kollha fi skemi u forniturі differenti tal-pensjonijiet.*** |

Or. en

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 51a – paragrafu 6 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Il-format u l-istruttura tal-informazzjoni li għandha tiġi trażmessa lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-format u mal-istruttura stabbiliti fir-Regolament Delegat adottat skont l-Artikolu 37.";*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 57 – paragrafu 3 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Fil-każ ta' PEPPs ipprovduti lil impjegat bħala parti minn arranġament ta' fuq il-post tax-xogħol bl-awtoreġistrazzjoni, id-dispożizzjonijiet imsemmija f'dan il-Kapitolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' impjegatur li jiddetermina perkorsi ta' dekumulazzjoni prestabbiliti fejn dan ikun previst skont il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat.";*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**

Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 65 – paragrafu 8a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Is-setgħat ta' intervent tal-EIOPA għandhom jiġu eżerċitati mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jimponu miżuri aktar stretti, inklużi limiti massimi tal-kostijiet jew rekwiżiti ta' garanzija, biex jipproteġu lill-faddala tal-PEPP.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konverġenza superviżorja ma tridx twassal għal tnaqqis fl-istandards nazzjonali ta' protezzjoni.*

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25a (ġdid)**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 66a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(25a) Artikolu 66a Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-sħab soċjali*** |
| | ***Il-Kummissjoni Ewropea għandha torganizza Forum annwali tal-Unjoni dwar il-Pensjonijiet li jlaqqa' flimkien rappreżentanti tal-Istati Membri, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati attivi fil-forniment ta' prodotti tal-irtirar.*** |
| | ***Il-Forum għandu jservi bħala pjattaforma għall-iskambju tal-aħjar prattiki u esperjenzi rigward it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-prestazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet madwar l-Unjoni,*** |

***b'attenzjoni partikolari għall-arranġamenti tal-pensjoni supplimentari, inklużi prodotti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali. Id-diskussjonijiet fi ħdan il-Forum m'għandhomx ikunu limitati għal aspetti tas-suq finanzjarju iżda għandhom jagħtu konsiderazzjoni ugwali lid-dimensjoni soċjali tal-provvista tal-pensjoni, inklużi:***

***(a) l-adegwatezza tal-introjtu tal-irtirar; (b) il-kopertura ta' kategoriji differenti ta' ħaddiema, inklużi dawk f'forom ta' impjieg mhux standard; (c) l-impatt fuq l-inugwaljanza, inkluża d-differenzi bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet; (d) l-interazzjoni bejn l-iskemi ta' pensjoni pubbliċi, okkupazzjonali u personali; (e) ir-rwol tas-sħab soċjali fit-tfassil u fil-governanza tas-sistemi tal-pensjonijiet.***

***Il-Forum għandu, fejn xieraq, jibni fuq l-evidenza miġbura permezz tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inklużi r-Regolament (UE) 2019/1238, id-Direttiva (UE) 2016/2341, u d-Direttiva 2009/138/KE, u għandu jqis l-iżviluppi fis-sistemi tal-pensjonijiet tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-involviment attiv tas-sħab soċjali fit-tħejjija u fit-tmexxija tal-Forum, f'konformità mal-prattiki nazzjonali, u għandha tippromwovi rappreżentanza bbilanċjata tal-partijiet ikkonċernati.***

***L-eżiti tal-Forum għandhom jinġabru fil-qosor f'rapport annwali ppubblikat mill-Kummissjoni, li jenfasizza l-aħjar prattiki, l-isfidi identifikati u l-oqsma possibbli għal aktar żvilupp tal-politika, inkluż fir-rigward tal-aspetti soċjali u tal-impjiegi tal-provvista tal-pensjonijiet.***

***Il-Forum għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' qafas tal-pensjonijiet aktar robust, inklużiv, sostenibbli fl-Unjoni, konsistenti mal-objettivi tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.***

Or. en

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 73 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "Sa [UP = jekk jogħġobkom daħħlu d-data li tikkorrispondi għal ***5*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull ***5*** snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, u wara li tikkonsulta lill-EIOPA u l-ASE l-oħrajn fejn ikun xieraq, tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u ***lill-Kunsill***.***"***. | "Sa [UP = jekk jogħġobkom daħħlu d-data li tikkorrispondi għal ***ħames*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull ***ħames*** snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, u wara li tikkonsulta lill-EIOPA u l-ASE l-oħrajn fejn ikun xieraq, tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew***, lill-Kunsill, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku*** u ***Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lis-sħab soċjali***. ***Dik l-evalwazzjoni m'għandhiex tkun limitata għal aspetti tas-suq finanzjarju iżda għandha tagħti konsiderazzjoni ugwali lid-dimensjoni soċjali tal-provvista tal-pensjoni.*** |

Or. en

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**
Regolament (UE) 2019/1238
Artikolu 74

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament għandu japplika minn [PO = jekk jogħġbok daħħal ***sena*** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. | Dan ir-Regolament għandu japplika minn [PO = jekk jogħġbok daħħal ***sentejn*** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. |

Or. en

## ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li fl-opinjoni tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-abbozz ta' opinjoni, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

| **1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza** |
|---|
| The Permanent Representation of Belgium to the European Union |
| European Trade Union Confederation |
| Pensioplus |
| ACV-CSC |
| CNV |
| FNV |
| European Commission - Directorate General for Financial Stability, Financial Services and Capital Markets Union |
| **2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom** |
| Xejn |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).